

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 1004/2017-4

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-oppożizzjoni Nru B 2 644 816 imressqa minn McKesson Europe AG (li kienet Celesion AG) kontra r-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali Celeson li tindika l-Unjoni Ewropea, li applikat għaliha r-rikorreni;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll għal dawk sostnuti mir-rikorreni għall-finijiet tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil McKesson Europe AG (li kienet Celesion AG) sabiex kull wieħed minnhom iħallas nofs l-ispejjeż neċessarjament sostnuti mir-rikorreni għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2018 – Stirlinx Arkadiusz Kamusiński vs EUIPO – Heinrich Bauer Verlag (Brave Paper)

(Kawża T-37/18)

(2018/C 104/62)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Stirlinx Arkadiusz Kamusiński (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: M. Pruszczyk, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Heinrich Bauer Verlag KG (Hamburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "Brave Paper" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 774 211

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 391/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tippermetti li t-trade mark tiġi rreġistrata għall-prodotti u servizzi applikati kollha;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2018 – Ecolab USA vs EUIPO (SOLIDPOWER)

(Kawża T-40/18)

(2018/C 104/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ecolab USA, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: V. Töbelmann u K. Middelhoff, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark verbali "SOLIDPOWER" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 310 671

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appel tal-EUIPO tad-9 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 1182/2017-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tar-rikorrenti.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikoli 7(1)(b), 7(1)(c) u 7(2) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2018 – Rietze vs EUIPO – Volkswagen (Voitures)

(Kawża T-43/18)

(2018/C 104/64)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Rietze GmbH & Co. KG (Altdorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Krogmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tad-disinn kontenzjuż: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell